MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 390/2011

**Joseph Celeste (I.D. 707855) f'ismu proprju u ghan-nom u fl-interess tad-Ditta"Celeste Video Rentals"**

**vs**

**Martin Attard (I.D. 716957M) u martu maria Rosaria maghrufa bhala Mary Rose Attard (I.D. 204363M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Mejju 2011, fejn intalab li l- konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur s-somma ta' sitt mija, sebgha u disghin Ewro (€697.00c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex l-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, l-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2011, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur s-somma ta' sitt mija, sebgha u disghin Ewro (€697.00c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------